# KNISJA WAĦDA, VJAĠĠ WIEĦED

*għall-pastorali maż-żgħażagħ*

GWIDA MQASSRA FUQ

'PROĊESS TA' TIĠDID EKKLEŻJALI 2020-2024'

**Merħba!**

Aħna ninsabu kuntenti li fl-aħħar nistgħu naqsmu dan il-ktejjeb magħkom.

Fil-paġni li ġejjin hemm ħafna informazzjoni dwar x'inhu d-dokument *Knisja Waħda*, *Vjaġġ Wieħed*. Aħna nixtiequ ngħidulkom li għamilna verżjoni mqassra tad-dokument oriġinali għall-użu tagħkom.

Teknikament, dan il-ktejjeb jista' jinqara f'madwar nofs siegħa, però ma nissuġġerux li tagħmlu hekk. Dan it-test ma nkitibx biss biex jinqara, imma biex iqanqal riflessjoni, u fl-aħħar mill-aħħar, jispira azzjoni. Għandu l-għan li jiggwida l-vjaġġ tagħna flimkien.

Ġurnata minnhom konna qegħdin niddiskutu dan il-'vjaġġ,' u ħabib għaqli tagħna qasam magħna kif kull vjaġġ jista' jidher differenti. F'dawn id-differenzi nistgħu naraw il-kreattività ta' Alla, li ħalaq lil kull wieħed u waħda minna, bħala individwi u komunitajiet, ferm differenti. L-unità ta' dan il-vjaġġ tinsab f'li nkunu flimkien, u fit-tfittxija tal-istess destinazzjoni.

Allura, nistednukom biex tkomplu timxu u tagħmlu dan il-vjaġġ bħala parti mill-Knisja f'Malta. Aħna wkoll qegħdin nagħmlu dan il-vjaġġ u lesti li nimxu magħkom.

Hija t-talba tagħna li dan il-proċess verament jiftaħna għar-rieda ta' Alla u għall-konverżjoni tal-qalb meħtieġa biex inkunu xhieda għal pajjiżna.

# Kif tuża dan il-ktejjeb:



*Kull kapitlu jibda bi kwotazzjoni mill-Iskrittura u immaġni biex tgħin fir-riflessjoni.*

*Nistednuk biex toqgħod ftit mal-Kelma ta' Alla qabel tibda taqra l-kapitlu.*

*Kull kapitlu fih numru ta' punti. Dawn il-punti jikkorrispondu man-numru tal-kapitlu.*

*Pereżempju, il-Kapitlu 6 għandu 6 punti.*

*Kull punt huwa segwit minn stedina. Dawn l-istediniet huma sejħa għal riflessjoni u azzjoni.*

*Inħeġġuk tieħu dawn l-istediniet miegħek fit-talb.*

*Xi kliem tekniku fit-test huwa nnumerat. Tista' ssib it-tifsiriet ta' dawn il-kliem fl-aħħar tal-ktejjeb.*

# KONTENUT

Introduzzjoni 6

Kapitlu 1
Il-Laqgħa Tagħna (mill-Ġdid) ma' Kristu 14

Kapitlu 2
Knisja li Xxandar u Taqdi 18

Kapitlu 3
Poplu Qaddis ta’ Alla f’Malta 24

Kapitlu 4
Attitudnijiet Pastorali ta’ Kristu f’Għemmaws 28

Kapitlu 5
Il-Poplu ta’ Alla 34

Kapitlu 6
"Il-Poplu ta' Alla" Mibgħut 40

Kapitlu 7
Il-Ġrieħi tal-Poplu 48

Kapitlu 8
Dixxerniment Imqanqal mill-Ispirtu 56

L-Impenn tal-Arċidjoċesi 62

Definizzjonijiet 64

# INTRODUZZJONI

## L-Ikona ta' Għemmaws

Frott tat-talb u d-dixxerniment[1], l-Arċisqof Charles J. Scicluna ppreżenta l-ikona ta' Għemmaws bħala t-tama tiegħu għad-djoċesi. Din l-istorja tagħtina deskrizzjoni ċara ta' kif Ġesù jagħżel li jimxi magħna bħala Knisja, u allura, kif aħna wkoll għandna nimxu ma' xulxin. Bħala nies involuti fil-pastorali maż-żgħażagħ, l-għażla ta' din is-silta għandha tidwi f'qalbna aktar, billi hi wkoll il-gwida pastorali mogħtija mill-Papa Franġisku fi *Christus Vivit*.

L-Ikona ta' Għemmaws qed tiġi ppreżentata biex tfakkarna li Ġesù jiltaqa' magħna fl-iktar siegħa iebsa tagħna; huwa jisma' b'attenzjoni; jippreżentalna l-Kelma tiegħu li tagħti l-ħajja; ma jimponix lilu nnifsu imma pjuttost jistenna l-istedina tagħna; u fl-aħħar, jirrivela lilu nnifsu fil-qsim tal-ħobż. Permezz ta' dawn il-ġesti kollha, Kristu qed jistedinna għal tiġdid fid-dixxipulat[2] tagħna, għal evanġelizzazzjoni li tagħti l-ħajja, għal qadi mill-qalb, u għal twelid mill-ġdid fl-Ispirtu.

Din hija t-tama u l-isfida li r-Ragħajja tagħna ppreżentawlna meta għażlu ir-rakkont ta' Għemmaws bħala ispirazzjoni għad-dixxerniment personali u komunitarju bħala Knisja: li nagħmlu tassew tagħna l-identità u s-sejħa li nkunu Poplu Pellegrin[3] f'Malta, li qed niġu mibgħuta nevanġelizzaw din l-art.





## X'kien il-proċess li wassal għal *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*?

**Novembru 2018**
*Assemblea Djoċesana*

- Il-Knisja lokali rriflettiet fuq ir-realtà li tinsab fiha billi ħarset lura lejn l-eżitu tad-Dokumenti tas-Sinodu[4] Djoċesan tal-2003.

» L-Arċisqof Charles J. Scicluna ppropona l-ikona tad-dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24: 13-36) biex jispira proċess ta' dixxerniment fil-Knisja. L-għan ta' dan id-dixxerniment huwa riforma pastorali.

**Novembru 2019**
*Assemblea Djoċesana*

- Ġie ppreżentat abbozz ta' dan il-"proċess".

» Dawk preżenti - rappreżentanti tas-setturi kollha fl-Arċidjoċesi - talbu, irriflettew u tkellmu flimkien dwar il-proċess, waqt li qasmu l-ideat tagħhom mal-Assemblea kollha.

**2019 - 2020**

- Ir-riflessjonijiet ippreżentati fl-Assemblea Djoċesana u oħrajn ġew magħquda u mirquma fi proposti konkreti għall-pastorali li l-Arċidjoċesi se tkun qed twettaq fis-snin li ġejjin.

» L-Isqof Joseph Galea-Curmi mexxa proċess ta' smigħ fil-fond mas-saċerdoti, reliġjużi u l-lajċi bil-għan li japprofondixxi dak li Kristu qed jgħid lill-Knisja f'Malta permezz tar-rakkont ta' Għemmaws.

**7 ta' Ġunju 2020**

- L-Arċisqof Charles J. Scicluna ppreżenta d-dokument finali lill-Knisja f'Malta.

» Tnediet website biex tispjega l-proċess lill-entitajiet fil-Knisja.

## Stedina għal vjaġġ sinodali 2020-2024
## *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*

*Knisja Waħda*, *Vjaġġ Wieħed* jistedinna, aħna l-Poplu ta' Alla f'Malta, għal proċess ta' tiġdid spiritwali. Ispirat mir-rakkont ta' Għemmaws, dan il-proċess ifittex li jgħin biex isir dixxerniment ekkleżjali[5], li se jħalli il-frott tiegħu f'azzjoni pastorali. Dan għandu jitqies bħala vjaġġ sinodali — billi jsegwi l-istess metodu tas-Sinodu Djoċesan tal-1999–2003.

Dan id-dokument huwa:

- Kemm viżjoni tal-Knisja li nittamaw li nkunu, kif ukoll il-passi meħtieġa biex dan it-tiġdid iseħħ.
- Miktub biex iġib bidla fl-attitudnijiet u l-ħidmiet li jeħtieġu attenzjoni fost il-Knisja f'Malta.
- Miktub biex jiggwida l-Knisja kollha f'dan il-proċess lejn dixxerniment komunitarju, kull parti tal-Knisja bil-mod tagħha.

Dan il-proċess isib il-bażi tiegħu f'4 attitudnijiet ispirati mill-Eżortazzjoni Appostolika[6] tal-Papa Franġisku *Evangelii gaudium*:

- Knisja li tisma'
- Knisja li tilqa'
- Knisja li takkumpanja
- Knisja li toħroġ

*Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed* jiddeskrivi tmien stadji meħtieġa għal dan il-vjaġġ sinodali. Dan il-proċess mhuwiex sempliċi pjan ta' ħidma imma huwa stedina biex mill-ġdid inpoġġu f'riġlejn l-Imgħallem tagħna u nisimgħu dak li għandu x'jgħidilna, kemm personalment kif ukoll bħala Knisja. Dawn it-tmien stadji għandhom l-għan li jgħinu l-proċess jiżviluppa b'mod organiku bħala riżultat li kull parti tal-ġisem tipparteċipa attivament f'dan il-vjaġġ.

Fuq kollox, dan huwa proċess immexxi mill-Ispirtu s-Santu. Fl-4 snin li ġejjin, kull parti tal-Knisja għandha tfittex li terġa' tiskopri u tgħix id-doni u l-kariżmi[7] partikolari tagħha b'mod iktar fidil, imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu.

**Id-dokument *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed* jinsab fuq:**
**vjagg.knisja.mt**

**jew billi tiskennja l-QR code ta' hawn taħt.**

SCAN ME


One Church,
One Journey

1



L-EWWEL KAPITLU

# IL-LAQGĦA TAGĦNA (MILL-ĠDID) MA' KRISTU



“Imbagħad

# infetħulhom għajnejhom

u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom”

Luqa 24:31

Il-Vanġelu ta' Luqa (24:13-36) jippreżentalna mudell ta' laqgħa bejn żewġt dixxipli ma' Kristu Rxoxt. Ġesù ltaqa' maż-żewġ dixxipli huma u mexjin lil hinn minn Ġerusalemm, b'qalbhom maqtugħa. Hekk kif Pietru mar lura għas-sajd (ara Ġw 21:1-3), dawn iż-żewġ dixxipli - Kleofa u d-dixxiplu - kienu sejrin lura għal ħajja li kellhom qabel. Id-dixxipli donnhom tilfu l-għaqda u t-tama tagħhom meta ħasbu li tilfu lil Kristu.

Fi triqthom 'l hemm minn Ġerusalemm, Ġesù **jiltaqa'** magħhom**,** **jimxi** t-triq kollha magħhom u **jispjegalhom** l-Iskrittura. Id-dixxipli, madankollu, ma jagħrfuhx. Meta l-vjaġġ tagħhom jasal fi tmiemu, Kristu ma jimponix lilu nnifsu fuqhom, imma jistenna l-istedina tad-dixxipli. Huwa biss wara dan il-mument ta' ospitalità, meta jaraw lil hinn minnhom infushom u juru attenzjoni lejn il-proxxmu, li Ġesù jiftħilhom għajnejhom permezz tal-qsim tal-ħobż.

Din il-laqgħa qasira ma' Kristu Rxoxt biddlet lid-dixxipli diżorjentati f'dixxipli missjunarji. Huwa dan id-dixxipulat missjunarju li qanqal ir-ritorn tagħhom lejn Ġerusalemm, fejn iltaqgħu ma' Kristu Rxoxt u rċevew l-Ispirtu s-Santu. Hemmhekk raw lil Kristu jitla' s-sema; marru fit-tempju jbierku 'l Alla u ħejjew għall-aħħar jiem. L-istess dixxipli li ħassewhom mitlufa u mbeżżgħa quddiem il-mewt tiegħu saru l-ewwel "ġisem ta' Kristu".

***Stedina***

*Bħala dixxipli f'Malta, aħna qed niġu msejħa għall-istess laqgħa ma' Kristu. Ġesù ifittxina kontinwament, jimxi magħna u jispjegalna l-Kelma tiegħu meta naqħtuh widen. Huwa jistenna l-istedina tagħna, ġest ċkejken ta' tjubija u ġenerożità, biex jirrivela lilu nnifsu fil-glorja kollha tiegħu. Hu jixtieq jqajjem f'qalbna ħeġġa ġdida u, permezz tal-Ispirtu s-Santu, jibqa' jsejħilna biex inkunu missjunarji.*

# 2

IT-TIENI KAPITLU

# KNISJA LI XXANDAR U TAQDI

"Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin.

# Għax jien tajtkom eżempju

biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll. Tassew tassew ngħidilkom, l-ilsir mhuwiex aqwa minn sidu, anqas il-messaġġier ma hu aqwa minn min jibagħtu."

Ġwanni 13:14-16



Il-laqgħa tagħna ma' Kristu titwettaq billi nxandru l-Evanġelju permezz ta' atti konkreti ta' servizz.

Matul l-istorja tagħna, il-Gżejjer Maltin kienu port kenni għal dawk fil-baħar, dawk maqbuda fil-maltemp u dawk midruba fil-gwerra. L-Evanġelju wasal fil-gżejjer tagħna permezz tal-ospitalità li offriet il-gżira, li laqgħet lil San Pawl u lil sħabu "bi ħlewwa liema bħalha." (Atti 28:2)

Kienu bosta d-drabi li fihom missirijietna għarfu li Alla biss seta' jgħinhom fis-siegħa tal-prova. F'dawk il-mumenti, l-Evanġelizzazzjoni u d-Djakonija kienu ż-żewġ dirgħajn li bnew il-Knisja tagħna. Dan jidher ukoll fil-pajsaġġ tagħna, bl-ibliet u l-kampanja tagħna mimlijin b'monumenti reliġjużi.

Fis-seklu li għadda, in-nixxigħat ta' evanġelizzazzjoni u djakonija faru hekk kif nies bħal San Ġorġ Preca, Mons. Giuseppe De Piro u Mons. Mikiel Azzopardi ġabu fuq quddiem tal-fidi tagħna l-ispiritwalità tal-katekeżi, is-sejħa għall-missjoni u l-kura bi mħabba lejn l-emarġinati. Illum il-ġurnata, il-Knisja f'Malta tibqa' toffri id ta' karità lil dawk l-iktar fil-bżonn. B'kollaborazzjoni mal-Istat, il-Knisja f'Malta tieħu ħsieb l-anzjani; dawk li waslu fl-aħħar ta' ħajjithom; tfal ġejjin minn sitwazzjonijiet diffiċli; nies bi bżonnijiet materjali; nies bi problemi ta' dipendenza; vittmi ta' abbuż domestiku; dawk bla dar; u l-immigranti u r-refuġjati li qed jippruvaw jibnu ħajjithom mill-ġdid.

Għalkemm it-tip ta' tbatija f'pajjiżna nbidlet, it-tbatija għadha preżenti. Ġrieħi psikoloġiċi u spiritwali ngħaqdu ma' dawk fiżiċi. In-nies huma mħeddlin bl-indifferenza, imħawdin minħabba l-bidla kulturali, eżawriti mill-pass tal-ħajja u mtaqqlin bit-tbatija

siekta. Għalhekk, wara l-laqgħa tagħna ma' Kristu, u qabel ma niġu mibgħuta mill-ġdid, irridu nieħdu ħsieb ta' ruħna mħeddla permezz tal-Kelma tiegħu u nkunu riformati billi nimitaw l-imħabba tiegħu.

***Stedina***

*Inkomplu fuq il-passi tal-antenati tagħna, illum aħna ninsabu fi sfida biex inkomplu nappoġġjaw lill-migranti li jirriskjaw ħajjithom fl-ibħra tagħna jew li jfittxu ħajja ġdida f'artna. Fuq kollox, aħna msejħin biex inpoġġu l-protezzjoni tal-ħajja u d-dinjità tal-bniedem fiċ-ċentru tal-proklamazzjoni u s-servizz kollu tagħna.*





# 3



IT-TIELET KAPITLU

# POPLU QADDIS TA’ ALLA F’MALTA



"Mhux intom għażiltu lili, imma

# jien għażilt lilkom, u ħtartkom

biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom."

Gwanni 15:16

Il-Papa Franġisku jfakkarna li aħna msejħin għall-missjoni, mhux biss bħala individwi iżda bħala poplu sħiħ. Aħna msejħin biex ngħixu l-evanġelju mhux b'mod kunċettwali, iżda b'mod rilevanti għall-kultura li ngħixu fiha. (*Evangelii gaudium*, 217-237)

Hemm tliet aspetti li jibnu poplu f'Poplu Qaddis ta' Alla: l-art, l-istorja u l-espressjoni tal-fidi tagħhom

**1. L-Art Tagħna**

L-elementi ta' artna, li għandna l-għeruq fiha, jiddefinixxu min aħna bħala nazzjon. Din l-art li tiddefinina hija wkoll l-art li trawwimna, u allura rridu nieħdu ħsiebha u nipproteġuha.

**2. L-Istorja Tagħna**

Bħala poplu, aħna mhux biss iffurmati minn dawk li ġew qabilna, iżda wkoll mill-istejjer li ħallewlna. L-istorja tagħtina l-istejjer tal-passat u l-lezzjonijiet morali li jiġu magħhom. Dan jipprovdilna l-għajnuna meħtieġa biex ngħixu l-preżent flimkien u b'mod responsabbli.

**3. L-Espressjoni tal-Fidi Tagħna**

Bħala l-Poplu ta' Alla, aħna mħeġġa nkunu miftuħa fl-espressjoni tal-fidi tagħna, biex immissu l-aspetti kollha tal-ħajja f'artna. Id-devozzjoni popolari tiżvela l-iktar aspett intimu tar-relazzjoni ta' poplu ma' Alla, peress li ssib l-oriġini tagħha fl-espressjoni tat-talb spontanju tan-nies. Dan juri kif Alla jiltaqa' man-nies tiegħu fil-kultura partikolari. Aħna, għalhekk, nittradixxu lilna nfusna meta d-devozzjoni popolari u espressjonijiet oħra ta' qima jsiru attivitajiet li jservu s-suq u jġibu d-diviżjoni. B'hekk, mhux biss it-talb tagħna jiftaqar, iżda l-Knisja nnifisha titfarrak.

***Stedina***

*Fl-enċiklika[8] Laudato si', il-Papa Franġisku jsejjaħ għal "konverżjoni ekoloġika", fejn l-effetti tal-laqgħa tagħna ma' Ġesù jsiru evidenti fir-relazzjoni tagħna mad-dinja. Din il-konverżjoni teħtieġ li tkun waħda ħolistika, li ssostni d-dinjità tal-ħajja tal-bniedem, hija iddedikata għall-amministrazzjoni[9] tajba tad-dinja u f'armonija għall-għaqda tal-ħolqien kollu (216-221).*

***Stedina***

*Kull ġenerazzjoni għandha tikkoreġi l-iżbalji tal-passat, twassal fi tmiemu dak li ma temmewx il-ġenituri tagħhom, twettaq it-tamiet u l-ħolm tagħha, tagħti l-frott u trawwem lil uliedha.*

***Stedina***

*Aħna qed niġu mistiedna ningħaqdu fit-talb u niċċelebraw il-liturġija 'l hinn minn sempliċi ritwal; mitluba niltaqgħu tassew ma' Kristu, inrawmu l-komunità u l-kollaborazzjoni, u nfittxu devozzjoni u mhux gratifikazzjoni personali.*

# 4



IR-RABA' KAPITLU

# ATTITUDNIJIET PASTORALI TA' KRISTU F'GĦEMMAWS


"Ġesù nnifsu
resaq lejhom
u baqa' miexi
magħhom..."
Luqa 24:15

Bħala l-Knisja, aħna msejħin biex ngħixu l-erba' attitudnijiet pastorali li Kristu jgħallimna fir-rakkont ta' Għemmaws:

- Li nisimgħu
- Li nilqgħu
- Li nakkumpanjaw
- Li noħorġu

### 1. Knisja li Tisma'

L-ewwel u qabel kollox, "Jeħtieġ nitrawmu kontinwament fis-smigħ tal-Kelma. Il-Knisja ma tistax tevanġelizza jekk ma tiġix kontinwament evanġelizzata." (*Evangelii gaudium*, 174)

It-tieni, għandna nagħmlu lilna nfusna disponibbli biex nisimgħu. Is-smigħ huwa meta niddeċiedu li nkunu iktar minn sempliċement spettaturi, iżda li nkunu kompletament disponibbli għall-oħrajn.

### 2. Knisja li Tilqa'

Fir-rakkont ta' Għemmaws, Kristu fetaħ għajnejn id-dixxipli biss meta fetħu lilhom infushom u kienu lesti li jilqgħu lil ħaddieħor. Meta nilqgħu lil ħaddieħor, mhux biss niskopru lilna nfusna, imma wkoll insiru iktar kunfidenti fid-doni mogħtija lilna b'xejn. Permezz ta' atti konkreti ta' ospitalità u ħbiberija, nistgħu niskopru mill-ġdid is-sejħa vera tagħna - dik li naqsmu l-Aħbar it-Tajba billi naqdu lill-oħrajn.

**Stedina**

- *Aħna l-ewwel mistiedna npoġġu l-Evanġelju fiċ-ċentru ta' ħajjitna u ta' kull attività pastorali. Aħna msejħin biex nipprattikaw is-smigħ tal-Kelma ta' Alla, biex nitgħallmu nagħrfu leħnu.*
- *Aħna mistiedna noħolqu spazji komuni fejn nistgħu nsiru nafu lil xulxin, speċjalment lil dawk li jista' jkun jaraw lilhom infushom barra mill-merħla. Bħala Poplu ta' Alla, irridu nkunu komunità mkejla mhux b'simboli ta' appartenenza, imma bix-xewqa għal spirtu reċiproku ta' ħbiberija u kollaborazzjoni.*

**Stedina**

*Aħna msejħin biex nilqgħu lil kulħadd mingħajr diskriminazzjoni: dawk li weġġgħuna; dawk li għandna piki magħhom; dawk li għandhom opinjonijiet differenti; dawk li għallmuna biex ma nafdawhomx; u dawk li mhumiex Maltin.*

**Stedina**

*Bħala Knisja - saċerdoti, reliġjużi u lajċi - jeħtieġ nitħarrġu f'din l-'arti ta' akkumpanjament' li tgħallimna neħħu l-qorq quddiem l-art qaddisa tal-persuna l-oħra. (Eż 3: 5).*

*Ir-ritmu ta' dan l-akkumpanjament:*
- *Għandu jkun kostanti u wieħed li jassigura.*
- *Għandu jirrifletti l-qrubija u l-ħarsa kompassjonali tagħna.*
- *Ifittex li jfejjaq, jeħles u jħeġġeġ il-maturità fil-ħajja Nisranija. (EG, 169)*

## 3. Knisja li Takkumpanja

Il-vjaġġ Nisrani huwa mmarkat b'passaġġ mill-mewt sat-twelid mill-ġdid, mis-salib sal-qawmien. Dan il-proċess kontinwu li fih nikbru dejjem iġib miegħu tbatija. L-akkumpanjament huwa r-rieda li nbatu flimkien biex ħaddieħor isir aħjar. L-akkumpanjament jitlob il-kuraġġ li timxi ma' persuna oħra tul it-triq perikoluża imma meħtieġa li twassal mill-mewt għat-twelid mill-ġdid.

## 4. Knisja li Toħroġ

Il-Papa Franġisku jistqarr: "Noħlom li nagħmlu għażla missjunarja li kapaċi tibdel kull ħaġa, biex hekk id-drawwiet, l-istili, il-ħinijiet, il-lingwaġġ u kull struttura ekkleżjali jsiru kanal tajjeb għall-evanġelizzazzjoni tad-dinja tal-lum, iktar milli għall-awtopreservazzjoni." *(Evangelii gaudium, 27)*.

**Stedina**

*Hija wkoll il-missjoni tal-Knisja li tipprepara u tibgħat dixxipli missjunarji sa truf l-Art (Mk 16: 15; Atti 1: 8). Bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, irridu nfittxu u nersqu qrib il-periferiji l-ġodda fil-kuntest tagħna, li jistgħu jkunu qed jiżviluppaw fostna. Is-sejħa hija li naraw dak li ma jidhirx, dawk meqjusa bħala l-iskart għas-soċjetà tagħna.*





# 5



IL-ĦAMES KAPITLU

# IL-POPLU TA' ALLA



“Tippretendux li intom xi ħaġa aktar milli intom kif għandu jkun! Iżda kull wieħed minnkom iżomm ruħu ta’ li hu skont il-qjies tal-fidi li tah Alla. Bħalma aħna għandna ħafna membri f’ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u

# kull wieħed minna membru tal-ieħor.”

Rumani 12:3-5

Hekk kif noħorġu biex inħabbru l-evanġelju waqt li nfittxu li nisimgħu u nilqgħu, aħna nsiru ġisem wieħed fi Kristu li, taħt it-tmexxija tal-Arċisqof, għandna s-setgħa li naqdu skont id-doni partikolari tagħna.

Il-Knisja, bħala komunità waħda, għandha ħames kariżmi ewlenin, skont ir-rwoli distinti li għandhom il-membri tagħha.

**1. L-Ordni Sagri u s-saċerdozju ta' dawk li jimmedjaw bejn Alla u l-Poplu.**

Filwaqt li l-Knisja hija l-preżenza sagramentali ta' Alla fid-dinja, is-saċerdozju ta' dawk li rċivew l-Ordni Sagri jagħmel il-preżenza ta' Kristu fil-Knisja viżibbli.Dan is-saċerdozju huwa essenzjali għall-Knisja peress li huwa permezz tas-sagramenti li nistgħu nesperjenzaw sinjali tanġibbli tal-preżenza ta' Alla.

***Stedina***

*Mgħixa b'mod awtentiku u leali, il-preżenza saċerdotali fil-Knisja tfittex li tirkupra u tippurifika:*

- *L-istil ta' tmexxija tal-Knisja.*
- *Il-lingwaġġ tat-tagħlim tagħha.*
- *Id-devozzjonijiet tal-poplu.*

*Is-saċerdoti huma mistiedna jipproteġu dak li verament imantni d-devozzjoni tal-poplu.*

**2. Il-Ħajja Kkonsagrata**

Il-voti ta' faqar, kastità u ubbidjenza fi stil ta' ħajja ddedikat għat-talb u s-servizz jissimbolizzaw b'mod ċar kif aħna, bħala l-Knisja, għandna nirriflettu s-Saltna.

Il-Knisja lokali hija mbierka b'ħafna kongregazzjonijiet reliġjużi, kull waħda bil-kariżmi partikolari tagħha.

***Stedina***

*Il-kongregazzjonijiet reliġjużi huma msejħa biex ikabbru u jikkultivaw il-kariżma li wirtu għall-ġid tal-Poplu kollu ta' Alla. Il-perseveranza fl-għajxien tal-istess Kariżmi tul is-sekli turi lill-Knisja tal-lum kif għandha taddatta l-Evanġelju mill-ġdid f'Malta.*

**3. Il-Lajċi Involuti f'Ministeri Varji fil-Knisja**

Il-missjoni primarja tal-lajċi tistrieħ fuq 2 movimenti komplementari.

*Stedina*

- *Bħala komunità Nisranija aħna msejħin biex nkunu dejjem iktar involuti, biex noffru appoġġ u akkumpanjament reċiproku lill-ġenituri waqt li jrawmu lil uliedhom fil-fidi.*
- *Il-lajċi huma mistiedna biex kontinwament jorjentaw mill-ġdid is-servizz tagħhom mal-missjoni ewlenija tal-Knisja li tagħti xhieda fid-dinja.*

a. Il-ministeru ta' kuljum tal-ġenituri Nsara msejħa biex irabbu l-familji tagħhom.
Dan il-ministeru huwa indispensabbli billi l-maternità u l-paternità huma l-iktar modi fundamentali li bihom nimitaw l-imħabba u l-ħniena ta' Alla u tal-Knisja. Dan il-ministeru jestendi wkoll għal dawk li jaqdu u jakkumpanjaw tfal, żgħażagħ u familji f'fażijiet differenti ta' ħajjithom.

b. Il-parteċipazzjoni fis-saċerdozju ta' Kristu.
Il-fidili huma msejħa biex jeżerċitaw is-saċerdozju tal-magħmudija tagħhom permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom, kull wieħed skont il-vokazzjoni tiegħu, fil-missjoni ta' Kristu. Ħafna rġiel u nisa jaqdu fil-ħajja parrokkjali permezz ta' ministeri differenti: liturġiċi, ta' talb u djakonija. Iservu wkoll f'xogħlijiet oħra ta' karità kif ukoll fis-servizzi professjonali tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-Knisja.



### 4. Bħala Nsara fid-Dinja

L-Insara ma jinqatgħux mid-dinja permezz ta' lbies jew marki oħra, għax id-dar u l-missjoni tagħhom hija d-dinja nnifisha, li huma msejħa biex iqaddsu. Huwa l-ferħ tal-Evanġelju li jiddistingwi lin-Nisrani.

### 5. Il-Bnedmin Kollha ta' Rieda Tajba li Jfittxu l-Verità

Il-Knisja mhix biss komunità tal-qaddisin, iżda hi wkoll tal-midinbin li jissahraw u jistaqsu. Sakemm dawk li jissahraw u jistaqsu jibqgħu fidili u kommessi għat-tfittxija tal-Verità, huma wkoll qed ifittxu li Kristu jifthilhom għajnejhom. Għalhekk, mhux neċessarjament ir-rabta mal-istrutturi viżibbli tal-Knisja li turi l-awtentiċità tax-xhieda, imma hija t-trasformazzjoni tal-qalb li tiġi mibdula mill-Ispirtu.

**Stedina**

*F'kull aspett tal-ħajja, in-Nisrani għandu jkun immarkat bid-determinazzjoni tiegħu li jfittex il-ġid komuni u jipproteġi l-ġid ta' ħaddieħor. Il-kejl ta' kemm hi "Kattolika" Malta m'għandux ikun kemm hemm mgħammdin u kemm isejħu lilhom infushom Kattoliċi. Dak li jagħmilna Kattoliċi huwa kif ninkorporaw it-tama tas-Saltna fl-aspetti kollha tas-soċjetà tagħna, permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħna fiha.*

**Stedina**

*Ħafna drabi dawk li jgħammru lil hinn mill-"konfini" ta' dak li jistħajlu li hi l-Knisja huma l-familji, il-ħbieb u l-kollegi tagħna. Permezz ta' dawn ir-relazzjonijiet, l-Ispirtu s-Santu jistieden:*

- *Dawk minna li naraw lilna nfusna bħala viċin il-Knisja biex ngħarblu l-awtentiċità tax-xhieda tagħna, u r-rieda tagħna li niġu sfidati.*
- *Dawk minna lil hinn mill-konfini biex nerġgħu lura għall-essenza tal-fidi tagħna f'Ġesù.*

# 6

IS-SITT KAPITLU

# "IL-POPLU TA' ALLA" MIBGĦUT



“Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: “Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk

# jien nibgħat lilkom.”

Ġwanni 20:21

Hemm sitt spazji distinti fis-soċjetà Maltija tal-lum, fejn għandna niddixxernu kif inkunu l-aħjar xhieda ta' Kristu billi nisimgħu, nilqgħu u nakkumpanjaw b'mod konkret. Bħala poplu pellegrin, aħna msejħa biex immorru fejn qed imexxina l-Ispirtu.

**1. Il-Periferiji Fejn Jgħammru il-Vulnerabbli**

Fl-Evanġelji, naraw lil Kristu jiltaqa' mal-magħżulin tiegħu fil-vulnerabbiltà u fil-faqar tagħhom. Kristu jsejħilna biex nimxu fuq l-eżempju tiegħu u niltaqgħu "ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti."

F'pajjiż fejn naħsbu li nafu kollox fuq kulħadd, ħafna drabi ma narawx it-tbatija tant preżenti fis-soċjetà tagħna. It-tbatija tal-lum ħafna drabi hija moħbija, u dik it-tbatija li naraw, sirna desensibilizzati għaliha.

***Stedina***

*Hija r-responsabbiltà ewlenija tagħna li nkunu l-għajnejn li jaraw u l-widnejn li jisimgħu l-krib li ġej mill-periferji. B'hekk inkunu nistgħu nirrispondu għall-midruba fostna, tkun kemm tkun moħbija t-tbatija tagħhom.*

**2. L-Spazji fejn in-Nies Jiltaqgħu biex Jiddevertu u Jinnegozjaw, fejn Joħolmu u Joħolqu l-Futur Tagħhom**

Spazji fejn in-nies jiltaqgħu flimkien biex jistrieħu, jitkellmu, jaqsmu l-ideat, ikunu kreattivi u jikkollaboraw huma fejn l-Ispirtu s-Santu jfittex li jiżra' ż-żerriegħa għall-futur.

***Stedina***

*Bħala Knisja, għandna r-responsabbiltà li nikkultivaw kultura ta' ħbiberija fil-kuntest Malti, waħda li qed issir aktar imħallta fl-etniċità u fit-twemmin. Għandu jkun post fejn kulħadd huwa mistieden jkollu sehem attiv fl-iżvilupp ta' kultura ekoloġika integrali. Iż-żgħażagħ jagħtu eżempju ta' dan bid-dispożizzjoni naturali tagħhom li jersqu lejn l-oħrajn, jaħsbu u jippruvaw affarijiet u modi ġodda.*

**Stedina**

*Il-Knisja, l-istituzzjonijiet kollha tagħha u aħna bħala l-Poplu ta' Alla għandna:*

- *Nedukaw favur ir-responsabbiltà ċivili u mhux għall-gratifikazzjoni istantanja.*
- *Inrawmu sens ta' kooperazzjoni iktar milli kompetizzjoni.*
- *Infittxu l-konverżjoni ekoloġika iktar milli ninħlew naħsbu biss fuq dak li jinteressana bħalissa.*

### 3. L-Istituzzjonijiet Pubbliċi li Jirregolaw il-Ħajja Tagħna Flimkien

L-istituzzjonijiet pubbliċi għandhom id-dmir li:

- Iħarsu l-futur tagħna bħala nazzjon.
- Jippromwovu l-ġustizzja, u jkunu ġusti fis-servizz tal-ġid komuni.
- Jagħtu s-saħħa lill-vulnerabbli u vuċi lil dawk li m'għandhomx.

### 4. L-Ispazji fi Ħdan il-Knisja, b'Mod Partikolari l-Parroċċi, il-Movimenti Lajkali u l-Istituzzjonijiet Reliġjużi

Il-preżenza tal-Knisja fis-soċjetà, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, għandha tkun id-dawl tad-dinja u l-melħ tal-art billi taħdem mhux bil-mod tad-dinja imma b'dak tas-Saltna, u li taqbel ma' dak li jitlob l-istess Evanġelju li tipprietka.

**Stedina**

*Il-Knisja hija mistiedna tagħmel dan b'żewġ modi:*

- *L-istituzzjonijiet huma msejħa biex ikunu xhieda u jaqblu ma' dak li jitlob l-Evanġelju. Dan m'għandux isir b'legaliżmu riġidu. L-istituzzjonijiet tal-Knisja huma msejħa biex ikunu strumenti ta' paċi u ġustizzja li jipprattikaw għażla preferenzjali għall-foqra u għall-ħniena li tasal li tagħmel iktar milli mitlub.*
- *Il-Knisja għandha wkoll responsabbiltà li tifforma soċjetà li tfittex il-ġid komuni b'mod oġġettiv.*



## 5. L-Spazji Domestiċi

Huwa fil-familji tagħna li nitgħallmu nafdaw, naħdmu flimkien, niffaċċjaw kunflitti u, l-iktar kruċjali, naħfru. L-abbiltà tagħna li nkunu Poplu ta' Alla li jaħfer u li jħenn hi mkejla f'kemm ngħixu dawn il-grazzji sew fl-ispazji domestiċi tagħna.

**Stedina**

- *Għalkemm il-grazzja sagramentali taż-żwieġ tista' tipproteġi kontra l-ħafna pressjonijiet li jxekklu il-ħajja tal-familja, huwa essenzjali li l-istrutturi tal-Knisja u aħna, bħala l-komunità Nisranija, insostnu iż-żwieġ u l-familja.*



## 6. L-Ispazju Awmentat b’Mod Diġitali

Kull wieħed mill-ħames spazji msemmija jestendi online, u l-istess jagħmlu l-missjonijiet korrispondenti tagħhom. Il-qasam diġitali ma joperax bl-istess mudelli tar-relazzjonijiet soċjali li mdorrijin bihom, u għalhekk jippreżentalna sfida ġdida li nwasslu l-Evanġelju f’din id-dinja li dejjem qed tikber.

***Stedina***

*Bħala l-Poplu ta’ Alla aħna mistiedna nagħmlu iktar uman din l-isfera:*

- *Billi nistagħġbu quddiem is-sbuħija ta’ kif moħħna qed jiġi estiż b’mod diġitali, mingħajr ma niċħdu l-għana tan-natura fiżika tagħna.*
- *Billi nersqu lejn xulxin u nilħqu dik “il-komunjoni ta’ rwieħ” li umanament ilkoll nittamaw u nixtiequ.*
- *Billi ngħixu esperjenzi ta’ ħbiberiji awtentiċi, fi ftuħ għad-djalogu, u ninsġu lingwaġġ iktar universali ta’ solidarjetà umana u ta’ ħbiberija online.*
- *Billi nikkomunikaw b'modi li jwaqqfu ċ-ċikli ta' manipulazzjoni u sfruttament tan-nies online.*

*Bħala l-Knisja, għandna nitkellmu b’mod profetiku billi ninsistu fuq il-veritajiet fundamentali li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-bniedem. Dan għandu jsir mingħajr ma neskludu l-ebda persuna jew kultura.*





# 7

IS-SEBA' KAPITLU

# IL-ĠRIEĦI TAL-POPLU



"Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja.

# Bil-ġrieħi tiegħu intom fieqtu."

1 Pietru 2:24

Iktar ma qlubna u r-relazzjonijiet tagħna huma mxellfa, iktar aħna msejħin biex naqdu b'ġenerożità u b'paċenzja, sabiex l-imħabba ta' Alla tiġi esperjenzata.

**1. Il-Ġrieħi fil-Memorja Tagħna, Personali u Kollettiva**

Ħafna drabi, it-tbatija fiha nnifisha tħallina vulnerabbli. Meta l-memorji tal-weġgħat tagħna jibqgħu mhux solvuti, jiksbu wkoll ċertu mrar. F'familji u f'komunitajiet magħqudin bħal tagħna, dan l-imrar spiss jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-fejqan ma jiġix billi ninsew il-ġrieħi tagħna, imma billi neżaminawhom mill-ġdid b'attitudni ta' mħabba.

***Stedina***

*Aħna mistiedna nkunu l-idejn ta' Kristu billi nfittxu modi kif inbiddlu l-imrar u l-vendetta bil-maħfra, u l-mibegħda bl-imħabba.*

**2. Il-Ġrieħi fir-Relazzjonijiet Intimi Tagħna**

L-ebda bniedem mhu maqtugħ għalih u l-umanità tagħna stess timplika x-xewqa li nkunu persuni f'relazzjoni. Ir-relazzjonijiet jiffurmawna bħala persuni - fin-natura tagħhom jitolbu l-vulnerabbiltà u l-fiduċja tagħna. Madankollu, dawn jiġu wkoll bir-riskju tat-tradiment. Dawn it-tradimenti jistgħu jġegħluna nirtiraw jew inkella jisfidawna biex ninfetħu għall-grazzja tal-maħfra.

***Stedina***

- *Peress li l-familja hija l-iskola fundamentali tal-maħfra, bħala Knisja aħna msejħa biex nappoġġjaw lill-familji biex jegħlbu l-kunflitti permezz tal-grazzji tal-Ispirtu s-Santu.*
- *Bħala l-komunità Nisranija, aħna għandna nkunu familja eżemplari, għonja fil-maħfra u l-ħniena.*

**Stedina**

*Bħala Knisja, aħna msejħin biex:*

- *Insewwu dak li hu miksur billi nirrikonoxxu n-nuqqasijiet tagħna, nisimgħu lil xulxin u nitolbu għall-grazzja tal-maħfra.*
- *Naħdmu biex ma jinħolqux aktar diviżjonijiet billi nitolbu flimkien; naqdu flimkien; u napprezzaw id-doni ta' xulxin u s-sbuħija tas-sejħiet partikolari tagħna.*

## 3. Il-Ġrieħi fil-Knisja bħala Istituzzjoni

Il-ġrieħi tal-Knisja jinstabu fejn l-istrutturi tagħha ma jirriflettux l-Evanġelju. Il-Papa Franġisku identifika tliet ġrieħi fondi fil-Knisja - l-abbuż sesswali, l-abbuż mill-poter u abbuż mill-kuxjenza. Kull waħda minn dawn il-grieħi ssib l-għeruq tagħha fil-klerikaliżmu[10] li jikkaratterizza l-Knisja istituzzjonali (Ittra tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku lill-Poplu ta' Alla, 20 ta' Awwissu 2018).

## 4. Il-Ġrieħi tal-Ecclesia[11]

Il-ġrieħi tal-Poplu ta' Alla mhumiex biss il-kollezzjoni tal-ġrieħi ta' kull individwu. Bħala poplu, aħna mmarkati b'sens ta' telf, konfużjoni u telqa. Dan minħabba li aħna nagħtu aktar importanza lill-isforzi tagħna milli lill-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Bħala komunità, aħna wkoll midruba meta neskludu gruppi speċifiċi mil-ħajja tal-Knisja billi nikkundannawhom minflok ma nakkumpanjawhom fit-tbatijiet tagħhom.

**Stedina**

- *It-tbattil tal-knejjes joffrilna opportunità biex noħolqu kultura ta' ħbiberija, li tħaddan id-differenzi.*
- *Aħna mistiedna nitilqu n-nostalġija tal-esperjenza ta' knisja li spiċċat, u b'umiltà, nibnu mill-ġdid il-Ġisem ta' Kristu b'sens ta' għan komuni.*
- *B'urġenza kbira, aħna msejħin biex insegwu l-eżempju ta' Marija li nibqgħu f'riġlejn is-salib tat-tbatija, u ninsistu aktar fuq it-talb.*



## 5. Il-Ġrieħi fit-Tessut Soċjali Tagħna

L-aġir tagħna juri iktar mill-kliem kif l-azzjonijiet tagħna jittradixxu l-ideali tagħna: il-qtil ta' ġurnalista u ta' immigrant; il-mod kif ħafna nies iqisu ċerti prattiċi kollettivi normali, bħall-evażjoni tat-taxxa, it-tixħim u l-omertà[12]; il-mod kważi naturali kif nibnu r-rabtiet soċjali permezz ta' "ħbieb tal-ħbieb," familiżmu[13] amorali u pjaċiri; u l-attitudni li nħarsu l-interessi tagħna bħala iktar importanti mir-responsabbiltà soċjali. Dawn kollha juru d-distakk bejn ir-realtà u l-etos Kattoliku.

Dan mhux għax il-Knisja istituzzjonali ma titkellimx fuq kwistjonijiet tal-ġid komuni, imma forsi għax fir-relazzjonijiet tagħna bħala l-Poplu ta' Alla, qed nonqsu milli nagħtu xhieda għall-Evanġelju tal-ħajja, kemm bil-mod kif nikkomunikaw, imma wkoll bl-istess ħajja li ngħixu.

***Stedina***

*Din ir-realtà ssejħilna b'mod urġenti biex nagħtu xhieda suffiċjenti permezz tal-aġir tagħna. Kull għażla għandha tirrifletti l-istandards tal-Evanġelju. Il-konverżjoni tal-għażliet tagħna tibda billi nitħarrġu dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja, li jħeġġiġna biex inkunu persuni li nfittxu l-ġustizzja minflok il-għana, u l-ġid komuni minflok il-kumdità.*



## 6. L-Ambjent Miġruħ li Fih Ngħixu

Il-ġrieħi tas-soċjetà huma riflessi fit-tħarbit ta' artna. Artna qed tiġi mbiċċra għall-qligħ ekonomiku, it-toroq tagħna jinsabu f'kaos, u l-arja tagħna mimlija tniġġis. Qed ngħixu f'ambjent fejn il-kruha qed ittaqqal lil ruħna u l-ħajja tagħna ta' kuljum. Din l-ansjetà hija preżenti wkoll fl-ispazji diġitali. L-istess spazji li nissoċjalizzaw fihom huma mmarkati bl-ideali fejn l-immaġni tissostitwixxi r-realtà u l-awtentiċità tiġi imżebilħa.

## 7. L-Ispirtu Miġruħ Tagħna: ir-Ruħ Personali u Kollettiva

Il-kawża tal-ġrieħi tagħna finalment huwa d-dnub - il-kburija li taqtagħna minn Alla. Meta nġibu ruħna bħallikieku Alla ma jeżistix u nifirdu l-ħajja spiritwali mill-ħsibijiet tal-ħajja ta' kuljum, aħna nferu l-ispirtu tagħna li min-natura tiegħu jfittex dak li hu traxxendentali[14]. Għalhekk din il-ġerħa, kemm personali, kif ukoll komunitarja, tiġi riflessa fit-talb tagħna.

***Stedina***

- *Aħna msejħin biex inkunu amministraturi tajba tad-dinja, billi nibdew mid-deċiżjonijiet żgħar tagħna ta' kuljum.*
- *It-tieni, bħala Knisja f'art ċkejkna, nistgħu nkunu preżenti fis-soċjetà kollha b'mod effettiv, u għalhekk għandna nieħdu passi konkreti biex inreġġgħu lura ċ-ċiklu tat-taħsir ekoloġiku.*

***Stedina***

*Bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, aħna msejħin biex:*

- *Nagħmlu l-festi reliġjużi tagħna memorja kollettiva ta' devozzjoni reliġjuża, u mhux wirjiet ta' qawwa.*
- *Il-liturġiji tagħna ta' kuljum u tal-Ħadd ikunu ħin ta' talb profond, u mhux mumenti li jixbhu aktar lil xi spettaklu.*
- *Nagħmlu t-tempji tagħna monumenti fil-ġebla tad-devozzjoni tal-poplu, u mhux simbolu ta' Knisja li teħtieġ attenzjoni u manutenzjoni.*

*Aħna qed niġu mistiedna niftakru li huwa l-Ispirtu s-Santu li jibni l-Knisja, u li hu l-għajn tal-qima u t-talb veru tagħha.*



# 8

IT-TMIEN KAPITLU

# DIXXERNIMENT IMQANQAL MILL-ISPIRTU




“Timxux max-xejra ta’ din id-dinja, iżda

# nbidlu

skont it-tiġdid ta’ fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x’inhi r-rieda ta’ Alla, x’inhu t-tajjeb li jogħġbu, x’inhu perfett.”

Rumani 12:2

Il-Knisja, bħala d-dixxipli ta' Kristu li qed niġu mibgħuta, titlob li mhux biss niġġudikaw u niddeċiedu b'għajnejna stess, imma titlob li naqraw ir-realtà mill-perspettiva ta' Alla u nħallu l-Ispirtu s-Santu jiffurmana biex naħsbu bħalma kien jaħseb Ġesù. Id-dixxerniment jirrikjedi wkoll il-fiduċja li huwa l-Ispirtu s-Santu li jaħdem permezz tagħna, u għalhekk l-isforzi tagħna bħala Knisja m'huma qatt tagħna, u għalhekk biss jistgħu jħallu l-frott.

Id-dixxerniment Nisrani għandu ħafna dimensjonijiet li jeħtieġ li nwettqu b'xewqa għall-awtentiċità.

1. **Niddixxernu u naġixxu bħala individwi fil-kwistjonijiet personali tagħna.**
    - Aħna msejħin li nrawmu fina d-dixxiplina meħtieġa biex il-ġibdiet tal-ġisem u r-ruħ ikunu f'konformità ma' Kristu.

2. **Niddixxernu fl-interess ta' dawk li huma fdati f'idejna.**
    - Aħna msejħin biex nieħdu ħsieb lill-oħrajn mill-għajnejn ta' Kristu, li jfisser li nħobbu bil-ħniena, mhux biss fi spirtu ta' ġustizzja.

3. **Niddixxernu fir-rwoli pubbliċi tagħna, fejn insibu ruħna responsabbli mhux biss ta' nies fdati f'idejna, imma wkoll tat-tmexxija ġusta ta' istituzzjonijiet li jaħdmu għall-ġid komuni.**
    - Aħna msejħin biex naġixxu b'mod li jirrispetta d-dinjità tal-persuni l-ewwel u qabel kollox.

4. **Niddixxernu għall-ġid tad-dar komuni tagħna.**
    - Aħna msejħin biex nuru s-sbuħija tal-ħolqien rikonċiljat permezz tal-imħabba tiegħu, li l-Ispirtu s-Santu jrid isawwar.

5. **Niddixxernu fil-Knisja domestika, jew kull fejn jinġabru komunitajiet żgħar (familji; komunitajiet reliġjużi partikolari marbutin ma' kunvent jew missjoni; komunitajiet żgħar ta' lajċi)**

6. **Niddixxernu fil-parroċċa, jew fejn il-Poplu ta' Alla jinġabar fit-totalità tiegħu tal-kleru, lajċi u reliġjużi (parroċċi, skejjel tal-Knisja, istituzzjonijiet tal-Knisja).**
   - Aħna msejħin biex nagħrfu kif l-Ispirtu qed isejħilna biex noħorġu u naqdu fit-territorju partikolari tagħna.

7. **Niddixxernu fil-provinċji reliġjużi, kongregazzjonijiet u movimenti lajkali li għandhom kariżma li torbothom mal-Knisja universali imma huma wkoll preżenti lokalment.**
   - Aħna msejħin biex niskopru kif l-ispirtu partikolari ta' servizz li jikkaratterizza kull komunità għandu jkun inkorporat lokalment, taħt it-tħeġġiġ tal-Ispirtu s-Santu.

8. **Niddixxernu fl-Arċidjoċesi kollha, nibdew mill-istrutturi tal-Kurja, permezz ta' proċess li jiggarantixxi sinodalità[15] vera.**
   - Aħna msejħin biex inkunu Knisja li tfittex li tisma', li titlob u li tkun strument f'idejn l-Ispirtu għall-ħidma tiegħu—ikun xi jkun il-prezz li dan jitlob.

Bħala l-Knisja lokali, aħna qed niġu mistiedna għal din il-konverżjoni. Aħna msejħin biex niġġeddu fil-mod ta' kif inkunu "melħ" f'artna u "dawl" għall-futur tagħha. Aħna mistiedna nagħmlu dan billi verament insiru Poplu ta' Alla li jiddixxerni u li jaġixxi f'ismu.

# L-IMPENN TAL-ARĊIDJOĊESI

Wara proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, fosthom ma' dawk li ħadu sehem fl-Assemblea Djoċesana tal-2019, u mnebbħa mill-viżjoni mfissra fl-Ewwel Parti ta' *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*, l-Arċidjoċesi ta' Malta qed timpenja ruħha li tagħti bidu għal proċessi li jwasslu biex jissaħħu l-isforzi ta' kull komunità ekkleżjali f'Malta.

Fuq livell personali u komunitarju, kull sena se niffukaw fuq "verb" wieħed biex nikbru bħala dixxipli missjunarji:

- L-enfasi tal-2021 se tkun **Knisja li tisma'**, lill-Kelma ta' Alla, lil xulxin, u lir-realtajiet soċjali tagħna.
- L-enfasi tal-2022 se tkun **Knisja li tilqa'**, għax meta tilqa' lil "ieħor," tirrikonċilja.
- L-enfasi tal-2023 se tkun **Knisja li takkumpanja**, u għalhekk issaħħaħ il-formazzjoni Nisranija kontinwa min-nieqa sal-qabar.
- L-enfasi tal-2024 se tkun **Knisja li toħroġ,** u għaldaqstant issir dawl profetiku iktar awtentiku, imma wkoll melħ moħbi u ħmira li tagħti l-ħajja f'artna.

Fl-aħħar, fl-Assemblea Djoċesana tal-2024 infakkru dak li Alla għamel magħna fil-ħniena tiegħu sabiex induqu mit-tjubija tal-grazzji ekkleżjali li rċevejna u nitolbu għal sinjali sabiex nagħrfu fejn Alla qed isejjaħ il-Knisja tiegħu f'Malta biex tkompli tagħti x-xhieda tagħha tal-Aħbar it-Tajba. L-Assemblea Djoċesana tal-2024 tagħti bidu għal proċess fejn "noħorġu" biex inwieġbu għaż-żminijiet.

Deskrizzjoni sħiħa tal-Impenji tal-Arċidjoċesi għall-4 snin li ġejjin tinstab fuq *vjagg.knisja.mt/impenn*

# DEFINIZZJONIJIET

1. **Dixxerniment**
   Riflessjoni u talb li jwassal għal deċiżjonijiet konformi mal-pjan ta' Alla għalina. Huwa "ħruġ tassew minna nfusna lejn il-misteru ta' Alla, li jgħinna ngħixu l-missjoni li għaliha sejħilna għall-ġid ta' ħutna." (Pope Franġisku, *Gaudete et exsultate, 175*)

2. **Dixxipulat**
   Li timxi wara Kristu - dan ifisser mhux biss li tħares il-fidi, imma wkoll li tagħti xhieda għaliha u taqsamha mal-oħrajn. (KKK 1816)

3. **Poplu Pellegrin**
   Il-Knisja Kattolika fid-dinja, jew il-Knisja Militanti. Knisja Militanti qed tagħmel pellegrinaġġ lejn il-Knisja Trijonfanti fil-glorja tas-sema.

4. **Sinodu**
   Terminu ġenerali li jirreferi għal laqgħat tal-Knisja istituzzjonali taħt awtorità ġerarkika, għal diskussjoni u deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-ħtiġijiet duttrinali u pastorali tal-Knisja.

5. **Ekkleżjali**
   Jappartjeni għall-Knisja. Pereżempju, il-komunità ekkleżjali hija l-komunità tal-Knisja.

6. **Eżortazzjoni Appostolika**
   Din hija ittra, miktuba mill-Papa, ġeneralment maħsuba biex tiċċara kwistjonijiet duttrinali, u/jew biex tħeġġeġ lill-Knisja tikkunsidra ċertu kwistjonijiet spiritwali.

7. **Kariżma**
   Grazzji tal-Ispirtu s-Santu li, direttament jew indirettament, huma ta' siwi għall-Knisja, għax jingħataw għall-bini tal-Knisja, għall-ġid tal-bnedmin, u għall-ħtiġijiet tad-dinja. (KKK 799)

8. **Enċiklika**
   Din hija ittra pastorali miktuba mill-Papa lill-Knisja Kattolika Rumana kollha. Id-dokument mhuwiex meqjus infallibbli.

9. **Amministrazzjoni**
   L-eżerċizzju ta' amministrazzjoni huwa li tkun gwardjan responsabbli tad-doni li tana Alla.

10. **Klerikaliżmu**
    Il-klerikaliżmu huwa attitudni mhux xierqa lejn il-ġerarkija tal-Knisja, karatterizzata minn sottomissjoni eċċessiva u mill-ħsieb li xi nies huma iktar superjuri moralment minn oħrajn. Din l-attitudni tista' tkun ġejja kemm mill-kleru, kif ukoll mil-lajċi.

11. **Ecclesia**
    Il-kelma Griega/Latina għal "knisja."

12. **Omertà**
    Kultura ta' skiet dwar kriminalità u rifjut li tingħata evidenza lill-pulizija.

13. **Familiżmu**
    Struttura soċjali li fiha l-ħtiġijiet tal-familja bħala grupp huma meqjusa iktar importanti mill-ħtiġijiet ta' kwalunkwe membru tal-familja stess.

14. **Traxxendenza/natura traxxendentali**
    In-natura umana tagħna, bħala ħlejjaq maħluqa fuq xbieha ta' Alla, hija orjentata lejn relazzjoni speċjali ma' Alla mimlija grazzja, li tilħaq il-qofol tagħha fil-ħajja eterna.

15. **Sinodalità**
    L-att li nimxu flimkien bħala Knisja waħda.

mcyn

malta catholic youth network